

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Mejju 2016 – Bimbo vs EUIPO (THE SNACK COMPANY)**(Kawża T-331/15) <sup>(1)</sup>

[“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva THE SNACK COMPANY — Raġuni assoluta għal rifiut — Karattru deskrittiv — Assenza ta’ karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) u 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Ugwaljanza fit-trattament — Obbligu ta’ motivazzjoni — Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009*”]

(2016/C 251/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: Bimbo, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: J. Carbonell Callicó, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. García Murillo u A. Schifko, aġenti)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-31 ta' Marzu 2015 (Każ R 954/2014-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv THE SNACK COMPANY bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Bimbo SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 262, 10.8.2015.

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġeneral ta' Mejju 2016 – Efler et vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-754/14 R)

[“*Proċeduri għal miżuri provviżorji — Dritt istituzzjonali — Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej — Rifjut ta’ reġistrazzjoni — Talba għal miżuri provviżorji — Inammisibbiltà*”]

(2016/C 251/35)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Michael Efler (Berlin, il-Ġermanja), Pedro De Birtho E. Abreu Krupenski (Lisbona, il-Portugall), Susan Vance George (Pariġi, França), Otto Jaako Kronqvist (Helsinki, il-Finlandja), Blanche Léonie Denise Weber (Lussemburgo, il-Lussemburgo), John Jephson Hilary (Londra, ir-Renju Unit), Ileana-Lavinia Andrei (Bukarest, ir-Rumanija) (rappreżentant: B. Kempen)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. Krämer u F. Erlbacher, aġenti)

## Suġġett

Talba għal miżuri provviżorji marbuta mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2014) 6501 finali, tal-10 ta' Settembru 2014, li tħiġi l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini “STOP TTIP”.

## Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
  - 2) L-ispejjeż huma rriżervati.
- 

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Mejju 2016 – Il-Ġreċja vs Il-Kummissjoni**  
**(Kawża T-168/15) <sup>(1)</sup>**  
**(“FAEŻR — Irtirar tal-att ikkōntestat — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)**  
(2016/C 251/36)  
Lingwa tal-kawża: il-Grieg

## Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: G. Kanellopoulos, E. Leftheriotou u A. Vasilopoulou, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Aquilina u D. Triantafyllou, aġenti)

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni C (2015) 252 finali, tas-26 ta' Jannar 2015, dwar it-tnejja tal-ħlas intermedjarju marbut mal-programm ta' żvilupp rurali CCI 2007 GR 06 RPO 001 tar-Repubblika Ellenika għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 u għall-ispejjeż dwar il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2014 u mill-1 ta' April 1 sat-30 ta' Ġunju 2014.

## Dispożittiv

- 1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq dan ir-rikors.
- 2) Kull parti għandha tħalli l-ispejjeż tagħha.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 245, 27.7.2015.